

EBA/GL/2017/03

11/07/2017

Linji Gwida Finali

dwar ir-rata tal-konverżjoni tad-dejn f'ekwità f'rikapitalizzazzjoni
interna

1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010¹. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jipprovdu l-fehma tal-EBA dwar Prattiki Superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti ta' rapportar

3. B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 11/09/2017. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu mill-EBA li mhumiex konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-ABE lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza 'EBA/GL/2017/03'. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
4. In-notifiki ser jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p.12).

Titolu I – Suġġett, kamp ta’ applikazzjoni u definizzjonijiet

1. Suġġett

- 1.1. Dawn il-linji gwida, li tnejn f’konformità mal-Artikolu 50(4) tad-Direttiva 2014/59/UE (il-BRRD), jikkonċernaw l-iffissar tar-rati tal-konverżjoni tad-dejn f’ekwità f’rikapitalizzazzjoni interna. Dawn huma rilevanti wkoll għall-konverżjoni ta’ strumenti kapitali rilevanti fil-punt tan-nonvijabbiltà, peress li l-Artikolu 60(3)(d) jikkonforma mal-Artikolu 50, inklużi l-linji gwida tal-EBA, kundizzjoni għall-konverżjoni tal-istrumenti kapitali rilevanti.
- 1.2. L-Artikolu 50(1) jipprevedi li l-awtoritajiet ta’ riżoluzzjoni, meta japplikaw l-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna, jistgħu japplikaw rata differenti tal-konverżjoni għal klassijiet differenti ta’ strumenti kapitali u obligazzjonijiet. Jekk huma jagħmlu dan, dan irid isir f’konformità ma: (i) il-prinċipju li r-rata tal-konverżjoni għandha tippreżenta kumpens xieraq lill-kredituri affettwati għal kwalunkwe telf imġarrab permezz ta’ valwazzjoni negattiva jew konverżjoni (l-Artikolu 50(2)); u (ii) il-prinċipju li r-rati tal-konverżjoni applikabbli għall-obbligazzjonijiet li jitqiesu bħala prijoritarji skont il-liġi tal-insolvenza applikabbli għandhom ikunu ogħla mir-rata tal-konverżjoni applikabbli għal obligazzjonijiet subordinati (l-Artikolu 50(3)).
- 1.3. L-Artikolu 50(4) jirrikjedi li dawn il-linji gwida jindikaw, b’mod partikolari, kif il-kredituri affettwati jistgħu jiġu kkompensati b’mod adegwat permezz tar-rata tal-konverżjoni, u r-rati tal-konverżjoni relattivi li jistgħu jkunu adegwati biex jirriflettu l-prijorità tal-obbligazzjonijiet prijoritarji skont il-liġi tal-insolvenza applikabbli.
- 1.4. L-awtoritajiet ta’ riżoluzzjoni mhumiex obbligati mill-BRRD li jiffissaw rati tal-konverżjoni differenzjali u meta japplikaw l-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna jew is-setgħa ta’ valwazzjoni negattiva jew ta’ konverżjoni tal-istrumenti kapitali, jistgħu jagħżlu li jikkonvertu kull strument jew obligazzjoni f’ekwità bl-istess rata, diment li dawn jilħqu l-oġġettivi tar-riżoluzzjoni u jirrispettaw is-sekwenza tal-valwazzjoni negattiva u l-konverżjoni fl-Artikolu 48, il-prinċipji tar-riżoluzzjoni fl-Artikolu 34, id-dritt għal proprjetà skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni u, fil-każ tal-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna, is-salvagwardja “li l-ebda kreditur ma jmur agħar” inkorporata fl-Artikolu 75. Dawn il-linji gwida jipprovdu gwida dwar l-iffissar tar-rati tal-konverżjoni billi jittieħdu inkunsiderazzjoni dawk il-fatturi.
- 1.5. Dawn il-linji gwida jipprevedu l-iffissar ta’ rati tal-konverżjoni differenzjali għal klassijiet ta’ strumenti li jvarjaw fil-klassifikazzjoni tagħhom fil-ġerarkija tal-kredituri tal-insolvenza nazzjonali rilevanti minħabba raġunijiet statutorji jew kuntrattwali. Dawn ma jipprevedu l-ebda ffixar ta’ rati tal-konverżjoni differenzjali għal klassijiet ta’ strumenti li jvarjaw, pereżempju, fit-trattament regolatorju jew tal-kontabbiltà tagħhom, iżda mhux fil-klassifikazzjoni tagħhom fil-ġerarkija tal-kredituri tal-insolvenza nazzjonali rilevanti.

2. Kamp u livell ta' applikazzjoni

- 1.6. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jekk dawn ikunu qegħdin jikkompensaw lil kredituri b'rati tal-konverżjoni differenzjali filwaqt li japplikaw l-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna għal istituzzjoni, entità msemmija fl-Artikolu 1(b), (c) jew (d) tal-BRRD, jew għall-pretensjonijiet jew strumenti ta' dejn li jiġu trasferiti f'istituzzjoni tranżitorja jew taħt l-għodda ta' bejgħ ta' negozju jew l-għodda tas-separazzjoni tal-assi u bl-użu tal-possibbiltà li jiġu stabbiliti rati tal-konverżjoni differenzjali. Dawn huma rilevanti wkoll għall-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni meta japplikaw is-setgħa ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni ta' strumenti kapitali rilevanti fil-punt tan-nonvijabbiltà. Dan huwa bbażat fuq l-Artikolu 60(3)(d), li jirrikjedi li tali strumenti jistgħu jiġu kkonvertiti biss meta r-rata tal-konverżjoni li tiddetermina l-għadd ta' strumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni li jiġu pprovduti fir-rigward ta' kull strument kapitali rilevanti, tikkonforma mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 50 u dawn il-linji gwida.

Titolu II – Linji Gwida dwar ir-rata tal-konverżjoni tad-dejn f'ekwiżità

Prinċipji ta' gwida

- 1.7. Il-prinċipji ta' gwida stabbiliti hawn taħt huma relatati direttament mar-rekwiżiti tal-BRRD u ma jestendux il-prinċipji tar-riżoluzzjoni jew is-salvagwardji stabbiliti f'dik id-Direttiva. Dawn għandhom l-għan li jikkjarifikaw kif l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni, wara li jkunu kkunsidraw dawk il-prinċipji u s-salvagwardji, jistgħu jiżguraw li l-kredituri jistgħu jiġu kkompensati b'mod adegwat permezz ta' rata tal-konverżjoni differenzjali.
- 1.8. **Prinċipju ta' gwida 1: l-ebda kreditur ma jmur agħar.** L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jenħtieġ li jfittxu li jiżguraw, meta jiffissaw ir-rati tal-konverżjoni, li l-ebda kreditur jew azzjonista ma jistenna li jirċievi trattament li huwa agħar mit-trattament li kien jirċievi kieku d-ditta daħlet fi proċedimenti ta' insolvenza nazzjonali fil-punt li fih saret id-deċiżjoni li tinbeda r-riżoluzzjoni. Dawn jenħtieġ li jibbażaw il-valutazzjoni tagħhom tat-trattament attwali mistenni fuq il-valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 36(4)(b) sa (g) tal-BRRD. Dawn jenħtieġ li jibbażaw il-valutazzjoni tagħhom tat-trattament mistenni fl-insolvenza fuq stima tat-trattament li kull klassi ta' azzjonisti u kredituri kienu mistennija li jirċievu kieku d-ditta kellha tkun soġġetta għal stralċ taħt il-proċedimenti ta' insolvenza normali, kif meħtieġ mill-Artikolu 36(8) tal-BRRD.
- 1.9. Meta jiġu ffixxati r-rati tal-konverżjoni meta jintużaw l-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna jew is-setgħa ta' valwazzjoni negattiva jew il-konverżjoni ta' strumenti kapitali rilevanti, l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni jenħtieġ li jivvalutaw ukoll jekk id-dritt tas-sjieda skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE ngħatax il-kunsiderazzjoni li jistħoqqulu.

- 1.10. **Prinċipju ta' gwida 2: ġerarkija tal-kredituri.** Soġġetti għall-ilfuq tal-miri tal-prinċipju ta' gwida 1, l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni jenħtieġ li jiffissaw rati tal-konverżjoni differenzjali biss sabiex jilħqu l-għanijiet tar-riżoluzzjoni jew biex jirrispettaw il-prinċipji l-oħrajn stabbiliti fl-Artikolu 34 tal-BRRD. B'mod partikolari, meta jiffissaw ir-rati tal-konverżjoni, l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni jenħtieġ li jfittxu li jiżguraw li:
- a. l-azzjonisti tal-istituzzjoni taħt ir-riżoluzzjoni jġarrbu l-ewwel telf;
 - b. ħlief fejn ikun ġie espress mod ieħor fil-BRRD, il-kredituri tal-istituzzjoni taħt ir-riżoluzzjoni jġarrbu t-telf wara l-azzjonisti u skont l-ordni tal-prijorità tal-pretensjonijiet tagħhom taħt il-proċedimenti ta' insolvenza normali; u
 - c. il-kredituri tal-istess klassi huma trattati b'mod ekwu.
- 1.11. Meta jiffissaw ir-rati tal-konverżjoni meta japplikaw is-setgħa ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni ta' strumenti kapitali rilevanti previsti fl-Artikolu 59 tal-BRRD, l-awtoritajiet jenħtieġ li jiżguraw ukoll li l-azzjonisti jġarrbu l-ewwel telf, il-kredituri jġarrbu t-telf skont l-ordni ta' priyorità tal-pretensjonijiet tagħhom skont il-proċedimenti ta' insolvenza normali, u l-kredituri tal-istess klassi jiġu trattati b'mod ekwu, sakemm dan ma jkunx inkonsistenti mal-ħtieġa li jitqies id-dritt tas-sjeda skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.
- 1.12. Gwida dwar kif l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jenħtieġ li japplikaw dawn il-prinċipji ta' gwida hija stabbilita hawn taħt.

Valutazzjoni

- 1.13. Qabel ma tiġi applikata l-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna jew is-setgħa ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni ta' strumenti kapitali fil-punt tan-nonvijabbiltà, għandha ssir valutazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni f'konformità mal-Artikolu 36(4)(b) sa (g) tal-BRRD. Din għandha tinvolvi valutazzjoni ġusta, prudenti u realista tal-assi u l-obbligazzjonijiet tad-ditta.
- 1.14. Dik il-valutazzjoni għandha tinforma għadd ta' deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu mill-awtorità ta' riżoluzzjoni, anke fuq l-estent tal-kanċellazzjoni jew id-dilwizzjoni tal-ishma jew strumenti oħra ta' sjeda u l-estent tat-telf li għandu jiġi rikonoxxut fil-punt tar-riżoluzzjoni. Il-valutazzjoni jenħtieġ li tinkludi stima tal-valur tal-ekwità wara l-konverżjoni tal-ishma ġodda trasferiti jew maħruġa bħala konsiderazzjoni lid-detenturi tal-istrumenti konvertiti.
- 1.15. L-Artikolu 36(8) tal-BRRD jirrikjedi wkoll li l-valutazzjoni tinkludi stima tat-trattament li kull klassi ta' azzjonisti u kredituri kienet tistenna li tirċievi kieku d-ditta kellha tiġi soġġetta għal stralċ skont proċedimenti ta' insolvenza normali. Valutazzjoni ex-post indipendenti għandha ssir skont l-Artikolu 74(2) sabiex jiġi ddeterminat jekk it-trattament attwali li l-azzjonisti u l-kredituri rċievew bħala riżultat tal-applikazzjoni tal-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna kienx aġġar minn dak li kienu jirċievu kieku d-ditta daħlet fi proċedimenti ta' insolvenza normali (il-valutazzjoni ex-post).

L-applikazzjoni tal-prinċipju ta' gwida 1: jiġi żgurat li l-ebda kreditur jew azzjonist ma jmur agħar milli fl-insolvenza

- 1.16. **Meta tiġi applikata l-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna, l-awtoritajiet jenħtieġu li jiffissaw rati tal-konverżjoni sabiex għal kull azzjonista jew kreditur il-valur mistenni tal-pretensjonijiet kombinati tagħhom ta' ekwità u ta' debitu wara l-applikazzjoni tas-setgħat ta' rizzoluzzjoni, skont il-valutazzjoni mwettqa f'konformità mal-Artikolu 36(4)(b) sa (g) tal-BRRD, ikun ugwali għal jew ikbar mill-valur mistenni li huma kienu jirrealizzaw kieku l-istituzzjoni daħlet fi proċedimenti ta' insolvenza normali, skont l-istima magħmula f'konformità mal-Artikolu 36(8) tal-BRRD.**
- 1.17. **Is-setgħat ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni msemmija fl-Artikolu 59 tal-BRRD jistgħu jiġu applikati waħedhom, mhux flimkien mal-eżerċizzju tal-valwazzjoni negattiva jew kwalunkwe għodda oħra ta' rizzoluzzjoni. F'dan il-każ, jekk l-awtoritajiet jagħżlu li jużaw rati ta' konverżjoni differenzjali, dawn jenħtieġ li jiffissaw rati tal-konverżjoni sabiex b'hekk, għal kull azzjonist jew kreditur, it-trattament attwali mistenni li huma jirċievu (kif determinat mill-valur tal-pretensjonijiet kombinati tagħhom ta' ekwità u ta' debitu wara l-applikazzjoni tas-setgħat ta' rizzoluzzjoni skont il-valutazzjoni mwettqa f'konformità mal-Artikolu 36(4)(b) sa (g) tal-BRRD) ikun mistenni li jkun ugwali għal jew akbar mill-valur mistenni li kienu jirrealizzaw kieku l-istituzzjoni daħlet fi proċedimenti ta' insolvenza normali, skont l-istima magħmula f'konformità mal-Artikolu 36(8) tal-BRRD, sal-punt li huwa meħtieġ biex jiġu osservati d-drittijiet fundamentali tas-sjeda.**
- 1.18. Meta l-pretensjonijiet tal-kreditur ikunu soġġetti kompletament għal valwazzjoni negattiva, il-pretensjonijiet tagħhom ma jibqa' jkollhom l-ebda valur. Meta obbligazzjoni jew strument ieħor jiġu kkonvertiti f'ekwità, il-pretensjoni ta' ekwità jista' jkollha aktar, inqas jew l-istess valur bħall-pretensjoni ta' debitu ikkonvertita oriġinarjament. Il-valur ta' din il-pretensjoni ta' ekwità għandu jifforma parti mill-valutazzjoni tat-trattament attwali li jirċievi kreditur.
- 1.19. Meta l-valur totali stmat tal-ekwità li jirċievu l-kredituri affettwati wara valwazzjoni negattiva jew konverżjoni huwa mistenni li jkun akbar mill-ammont aggregat tal-pretensjonijiet tad-dejn soġġetti għal valwazzjoni negattiva jew għal konverżjoni f'ekwità, il-prinċipju ta' gwida 1 jista' jiġi ssodisfat mingħajr ebda applikazzjoni tar-rati ta' konverżjoni differenzjali.
- 1.20. Meta l-valur totali mistenni tal-ekwità li jirċievu l-kredituri affettwati wara valwazzjoni negattiva u konverżjoni huwa inqas mill-ammont aggregat tal-pretensjonijiet ta' debitu soġġetti għal valwazzjoni negattiva jew għal konverżjoni f'ekwità, ir-rati tal-konverżjoni differenzjali jistgħu jkunu meħtieġa.
- 1.21. Meta jkun hemm il-ħtieġa li jiġu ffissati rati tal-konverżjoni differenzjali sabiex jiġi evitat li l-kredituri jmorru agħar milli fl-insolvenza jew sabiex jiġu protetti d-drittijiet fundamentali tas-sjeda jew għanijiet oħrajn tar-rizzoluzzjoni, ir-rati tal-konverżjoni jenħtieġ li jiġu ffissati sabiex b'hekk il-kredituri privileġġati ma jkunux mistennija li jmorru agħar milli fl-insolvenza

jew sabiex jiġu protetti id-drittijiet fundamentali tas-sjieda. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ma jenħtieġ li jiffissaw rati tal-konverżjoni differenzjali li jittrasferixxu aktar valur lil kredituri privileġġati minn dak li huwa meħtieġ sabiex jiġi rispettati il-prinċipju ta' gwida 2, jiġi evitat li l-kredituri privileġġati jmorru agħar milli fl-insolvenza jew sabiex jiġu protetti id-drittijiet fundamentali ta' sjieda jew oġġettivi oħrajn ta' riżoluzzjoni.

- 1.22. Għal kwalunkwe kreditur li l-pretensjoni tiegħu tkun ġiet ikkonvertita kompletament f'ekwità, il-valur ta' ekwità mistenni li jirċievi għandu għalhekk ikun *mill-inqas* kbir daqs l-irkupru mistenni tiegħu fl-insolvenza.
- 1.23. Għal kwalunkwe kreditur li l-pretensjoni tiegħu tkun ġiet ikkonvertita parzjalment f'ekwità, il-valur ta' ekwità mistenni li jirċievi għandu għalhekk ikun *mill-inqas* kbir daqs l-irkupru mistenni tiegħu fl-insolvenza, inqas mill-valur mistenni tal-pretensjoni ta' dejn tiegħu li jifdal.

L-applikazzjoni tal-prinċipju ta' gwida 2: jiġu rrispettati l-prinċipji l-oħrajn tal-Artikolu 34 għar-riżoluzzjoni

- 1.24. **L-awtoritajiet jenħtieġ li jiffissaw rati tal-konverżjoni sabiex jiżguraw, sa fejn ikun raġjonevolment possibbli u soġġetti għar-rispett tas-salvagwardji tal-kredituri u id-drittijiet fundamentali tas-sjieda, li l-ġerarkija tal-kredituri tiġi kompletament rispettata. Dan ifisser li jekk klassi partikolari ta' kredituri hija mistennija tiegħu telf – jiġifieri, jekk il-valur totali tal-pretensjonijiet ta' debitu u ekwità li jifdal wara l-applikazzjoni tas-setgħat ta' riżoluzzjoni, skont il-valutazzjoni mwettqa f'konformità mal-Artikolu 36(4)(b) sa (g) tal-BRRD, huwa inqas mill-valur tal-pretensjonijiet ta' dik il-klassi qabel ir-riżoluzzjoni – l-awtorità tar-riżoluzzjoni għandha tiffissa rata ta' konverżjoni ugwali jew qrib iż-żero għall-klassijiet inferjuri kollha tal-obbligazzjonijiet u l-istrumenti.**
- 1.25. Dan ifisser li l-azzjonisti ser jieħdu l-ewwel telf. Kwalunkwe valur ippreservat bir-riżoluzzjoni, l-ewwel ser jiġi allokat għall-pretensjonijiet superjuri u subordinati tal-kredituri. Bħala tali, ir-rati tal-konverżjoni differenzjali għandhom l-għan li jiżguraw li l-kredituri jġarrbu t-telf wara l-azzjonisti f'konformità mal-ordni tal-prijorità tal-pretensjonijiet skont l-insolvenza. Madankollu, ir-rati tal-konverżjoni jistgħu jiġu ffixxati biex jippermettu lill-azzjonisti oriġinali (u l-azzjonisti li l-pretensjonijiet tagħhom irriżultaw mill-konverżjoni tal-istrumenti kapitali rilevanti fil-punt tan-nonvijabbiltà) iżommu xi pretensjonijiet b'valur pożittiv, jew biex l-ekwità tiġi kondiviża f'xi proporzjon minn żewġ klassijiet ta' kredituri jew aktar. L-azzjonisti jistgħu iżommu xi valur pożittiv meta ma jkun hemm l-ebda ħtieġa li kwalunkwe kreditur ikun soġġett għal valwazzjoni negattiva, jiġifieri meta r-rikapitalizzazzjoni interna tirrikjedi biss konverżjoni.
- 1.26. L-ekwità tista' tiġi kondiviża f'xi proporzjon minn żewġ klassijiet ta' kredituri jew aktar meta klassi waħda ta' kredituri tkun ġiet ikkonvertita kompletament f'ekwità iżda kien hemm il-ħtieġa ta' aktar konverżjoni, u l-konverżjoni parzjali jew sħiħa tal-klassi bi kredituri aktar privileġġati ma rriżultatx f'telf (jiġifieri l-kredituri aktar privileġġati jirċievu valur totali tal-

pretensjoni ta' debitu u ekwità mill-inqas ugwali għall-valur tal-pretensjoni tad-debitu oriġinali tagħhom).

Dispożizzjonijiet finali

- 1.27. **L-awtoritajiet ta' risoluzzjoni jenħtieġ li japplikaw rati tal-konverżjoni differenzjali biss meta dan ikun meħtieġ biex jiġu ssodisfati l-prinċipji ta' gwida msemmija hawn fuq.** Meta ma jkun hemm l-ebda tħassib sinifikanti dwar il-protezzjoni tas-salvagwardji tal-kredituri jew tad-drittijiet fundamentali tas-sjeda u l-awtoritajiet ta' risoluzzjoni jkunu ssodisfati li l-applikazzjoni tal-istess rati tal-konverżjoni tikkonforma mal-prinċipji tal-Artikolu 34 u jinkisbu l-għanijiet tar-risoluzzjoni, ma jenħtieġ li jkun hemm l-ebda tħtieġa għar-rati tal-konverżjoni differenzjali.
- 1.28. **Meta jiġu applikati r-rati tal-konverżjoni differenzjali, l-awtoritajiet jenħtieġ li jiffissaw ir-rati tal-konverżjoni sabiex b'hekk huma jkunu raġjonevolment kunfidenti li l-kredituri subordinati ma jmorrux agħar milli fl-insolvenza (fil-każ ta' rikapitalizzazzjoni interna) u li d-drittijiet fundamentali ta' sjeda tagħhom jiġu protetti.** Dan ifisser li r-rati tal-konverżjoni għall-kredituri privileġġati ma jenħtieġx li jkunu għoljin b'mod sproporzjonat. Jirriżulta benefiċċju sproporzjonat kieku tali kredituri jkunu mistennija li jkollhom pretensjonijiet ta' valur ogħla b'mod sinifikanti skont l-istima magħmula f'konformità mal-Artikolu 36(8) tal-BRRD.

Titolu III – Dispożizzjonijiet finali u implimentazzjoni

Dawn il-linji gwida jenħtieġ li jiġu implimentati fil-prattiki tar-risoluzzjoni nazzjonali mill-awtoritajiet ta' risoluzzjoni rilevanti sa 6 xhur wara l-pubblikazzjoni.